MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2011

Citazzjoni Numru. 486/2004

**Anthony u Melita konjugi Portelli**

***kontra***

**John Cutajar u b'digriet tal-10 ta` Marzu 2005 is-socjeta` Middle Sea Insurance plc interveniet fil-kawza**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ic-citazzjoni prezentata fit-2 ta` Lulju 2004 li taqra hekk –

*Premess illi fit-18 ta` Lulju 2002 sehh incident f'Racecourse Street, kantuniera ma` Triq Iljun, Marsa, bejn il-vettura Toyota Pick-up Trial Run 135 misjuqa minn John Cutajar ta` Regina Auto Dealer u Rupert Portelli sewwieq tal-mutur Yamaha b'numru tar-registrazzjoni YZF-426, u b'rizultat ta` dan l-incident tilef hajtu Rupert Portelli ;*

*Premess illi l-konvenut dar go triq laterali minghajr ma hares biex jara jekk kinux gejjin vetturi ohra u ghalhekk ma rax lil Rupert Portelli hlief fil-mument ta` l-impatt u konsegwentement Rupert Portelli ma kellux cans jirreagixxi u sar skontru ;*

*Premess illi t-tort ta` dan l-incident huwa unikament tal-konvenut John Cutajar u dan peress li l-istess konvenut naqas milli jiehu d-dovuti prekawzjonijiet u jsuq bhala bonus pater familias u kkaguna l-mewt ta` Rupert Portelli ;*

*Premess illi b'konsegwenza ta` dan l-istess incident, li ghalih kien unikament responsabbli l-konvenut, is-sewwieq tal-mutur Rupert Portelli tilef hajtu li ghalhekk u b'rizultat ta` dan l-incident l-eredi tieghu u cioe` missieru Anthony (982948M) u ommu Melita (978150M) konjugi Portelli ta` 'Warda' Triq G. Montebello, Tarxien sofrew danni attwali kif ukoll danni futuri lucrum cessans, u dan kollu kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;*

*Illi l-istess konvenut u l-assikurazzjoni tieghu nterpellati biex ihallsu d-danni sofferti mill-atturi baqghu inadempjenti u kellha ssir din il-kawza.*

*Ighidu ghalhekk l-istess konvenuti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex -*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li gara fit-18 ta` Lulju 2002 f'Racecourse Street, kantuniera ma` Triq Iljun, Marsa u ghad-danni konsegwenzjali li garrbu l-atturi bhala rizultat ta` dan l-incident ;*

*2. Tillikwida dawn id-danni okkorrendo bl-opra ta` periti nominandi ;*

*3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi dawk id-danni li jigu hekk likwidati kif fuq intqal flimkien ma` l-imghaxijiet legali.*

*Bl-ispejjez kontra l-istess konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi u l-lista tax-xhieda ndikati minnhom.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut John Cutajar prezentata fit-28 ta` Lulju 2004 li taqra hekk –

*Illi qabel xejn ghandu jinghad li almenu mill-premessi tac-citazzjoni mhux car in nexus bejn id-danni pretizi u l-atturi. M'hemmx imnizzel f'liema kwalita` l-atturi qed jippromwovu din il-kawza.*

*Illi in substanzia u fil-mertu ghandu jinghad li l-pretensjonijiet ta` l-atturi ghandhom jigu respinti bl-ispejjez u dan stante li l-incident awtomobilistiku de quo issuceda tort unikament tal-mejjet Robert Portelli u dan minhabba f'imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smigh u trattazzjoni ta` din il-kawza.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda ndikati minnu.

Rat ix-xhieda bl-affidavit tal-attur Anthony Portelli bid-dokumenti annessi (fol 14 sa fol 43), ta` l-attrici Melita Portelli (fol 45 u 46) u ta` Kevin Portelli (fol 47).

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda *viva voce* tal-Av. Dr. Yana Micallef Stafrace (fol 48).

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta tal-10 ta` Marzu 2005 (fol 54) fejn laqghet it-talba tas-socjeta` Middle Sea Insurance plc li tintervjeni fil-kawza *in statu et terminis.*

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda *viva voce* ta` Joseph Zammit (fol 105) tas-Supretendent tal-Pulizija Raymond D`Anastas (fol 106) tal-Ispettur tal-Pulizija Victor Aquilina (fol 107) ta` P.S. 160 Mario Mifsud (fol 108) u ta` Sandro Mizzi (fol 109) flimkien mad-dokumenti li kienu esebiti minn uhud minn dawn ix-xhieda (fol 83 sa 104).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fis-27 ta` April 2006 fil-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija (Spettur Raymond D`Anastas vs John Cutajar*) li kopja taghha kienet esebita a fol 113 sa fol 119.

Rat il-prospett tad-danni tal-atturi (fol 121 u 122) bid-dokumenti li kienu annessi (fol 123 sa 137).

Rat it-traskrizzjoni tal-kontroezami ta` l-attur Anthony Portelli (fol 150 sa 152).

Rat ic-certifikat tat-twelid ta` Ruth Galea (fol 153).

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda ta` l-attur Anthony Portelli li ssejjah biex jixhed in subizzjoni (fol 162 sa 164).

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mill-atturi man-nota taghhom tas-16 ta` Jannar 2009.

Rat ix-xhieda bl-affidavit tal-konvenut (fol 173 u 174).

Semghet id-deposizzjoni ta` Richard Attard (fol 179 sa 183) u l-kontroezami ta` Anthony Portelli (fol 184 sa 186) fl-udjenza tas-16 ta` April 2009.

Semghet id-deposizzjoni ta` Joseph Zammit (fol 193 sa 196) u tal-Ispettur Victor Aquilina (fol 197 sa 199) fl-udjenza tas-17 ta` Settembru 2009.

Semghet id-deposizzjoni tal-Av. Dr. Yana Micallef Strafrace (fol 230 sa 232), tat-Tabib Dr. Mario Scerri (fol 233 sa 235), ta` Stephen Cachia mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta` Malta (fol 236 sa 238), ta` Anthony Portelli in kontroezami (fol 239 sa 251) fl-udjenza tas-16 ta` Marzu 2010 u rat id-dokumenti li kienu esebiti waqt l-istess udjenza.

Rat ir-relazzjoni ta` Av. Dr. Yana Micallef u Joseph Zammit (fol 258 sa 266) li kienu l-esperti nkarikati mill-Magistrat Inkwirenti dwar il-mewt ta` Rupert Portelli fl-incident tat-traffiku mertu ta` din il-kawza.

Semghet id-deposizzjoni ta` Chris Tanti (fol 270 sa 278) fl-udjenza tal-4 ta` Novembru 2010.

Rat il-verbal tal-access kondott minn din il-Qorti fil-post tal-incident fis-6 ta` Dicembru 2010 fit-3.00 p.m. (fol 279 u 280), semghet ix-xhieda tal-Perit Richard Aquilina, u rat id-dokumenti li kienu esebiti waqt l-access.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet tal-atturi li kienet prezentata fis-6 ta` Jannar 2011.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet tal-konvenut li kienet prezentata fit-28 ta` Frar 2011.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet tal-intervenuta fil-kawza li kienet prezentata fl-1 ta` Marzu 2011.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-10 ta` Marzu 2011.

Rat id-digriet taghha moghti f`dik l-udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

## II. Provi dwar Responsabilita` fl-Incident

Fl-udjenza tad-19 ta` Novembru 2004 (fol 48) quddiem din il-Qorti diversament presjeduta jirrizulta li xehdet Av. Dr. Yana Micallef Stafrace li kienet giet mahtura bhala perit legali fl-Inkjesta tal-Magistrat li kienet saret wara l-incident de quo. Waqt ix-xhieda taghha, tghid

li kienet qeghda tesebixxi kopja tat-traskrizzjoni tad-deposizzjoni tal-persuni li xehdu quddiemha.  Din il-Qorti kif presjeduta ma rnexxilhiex issib din it-traskrizzjoni.  Dan in-nuqqas kien rimedjat fis-16 ta` Marzu 2010 meta rega` tressqet bhala xhud mill-intervenuta fil-kawza quddiem din il-Qorti u kienet esebita din it-traskrizzjoni (fol 258 sa 266).  Hija kkonfermat dak li kienet ivverbalizzat fl-access li kien sar dakinhar tal-incident bhala parti mill-Inkjesta tal-Magistrat dwar l-incident.

Il-verbal jaqra hekk –

*Quddiem Triuq l-Iljun fin-naha tax-xellug hemm roqgha sustanza li tidher li hi demm.  Hemm ukoll parafernalja tat-tobba.  Xi metru `l isfel hemm papocca (lejn il-Marsa Centre) ghan-nofs tat-triq hemm mutur. Yamaha Nru. YZF 426 mic-centru 3.6m `l bod mic-cint fuq ix-xellug.  Taht il-mutur hemm hames roqghet li jidhru li huma zejt, taht il-mutur u warajh iktar lejn il-Marsa hemm 7 farretti fl-art.*

*Fil-ghalqa li hemm fuq ix-xellug hemm crash helmet wara c-cint.  Left handlebar imqaccat, il-bar tal-furketta tax-xellug mixhud lura, mudguard ta` quddiem imkebbeb u tkaxkir tul il-genb kollu.*

*Brake mark twil xi 9m `l fuq iktar lejn l-Marsa fuq ix-xellug tat-triq int u thares lejn Hal-Qormi.*

*Toyota trial run 135, Toyota pick-up, fil-fetha ta` Triq l-Iljun.*

*Il-hsara fuq ix-xellug mill-bieb ta` wara `l quddiem. Daqqa soda fuq il-back right tyre, maqsum jidher bid-daqqa.  L-istaffa maqlugha, side mirror milwi `l gewwa u mkisser, mera ukoll.*

*Tifrik ta` hgieg ta` mera madwar l-ewwel farretti `l hinn mill-mutur.*

*Right handlebar control cables misluhin. Twist grip lemin misluh.*

*Il-mutur u l-vettura ittiehdu l-Garage tal-Pulizija mill-GVP 066 PC 1562 Anthony Pace u 118 Lawrence Buttigieg GVP20. It-Toyota bla indicators wara.*

Fl-udjenza tal-21 ta` Mejju 2007 xehed <u>Joseph Zammit</u> li kien l-espert tekniku li kien mahtur mill-Magistrat Inkwirenti sabiex jassisti lill-perit legali fl-inkjesta.

Fl-ewwel lok, huwa pprezenta l-<u>verbal tal-access</u> li kien sar fuq il-post dakinhar stess tal-incident fejn *inter alia* jinghad hekk –

... *Fl-ahhar ta` Racecourse Street, fit-tarf taghha qabel ma taqbad ir-roundabout maghrufa bhala Ta` l-Erbgha Qaddisin u ma` Lion Street fil-limiti tal-Marsa, go Racecourse Street fuq in-naha tal-lemin jinsab il-motorcycle involut tal-marka Yamaha ta` kulur blue bl-abjad bin-numru tar-registrazzjoni YZF-426 ta` model CR400cc li jinsab mixhut fl-art bil-quddiem tieghu jhares fuq il-lemin lejn il-hajt ta` ghalqa bi hsara ta` natura konsiderevoli kkagunata b`daqqa soda fuq il-parti frontali tieghu bil-furketta bil-bars taghha l-aktar dak tax-xellug mixhut lura mghawweg. Il-front mudguard tal-plastic jinsab imkebbeb bid-daqqa u l-handlebar ukoll. Quddiem ir-rota ta` quddiem fit-triq fit-triq tinsab qawra u ticpis ta` kulur ahmar jixbah id-demm. Dan il-mutur jinsab faccata tal-inkrocju ma` Lion Street fejn fil-bidu gol-istess inkrocju tinsab il-vettura l-ohra involuta tal-marka Mitsubishi diesel ghamla pickup van double cab ta` kulur griz metalliuc bin-numru ta` registrazzjoni fuq trial run bin-numru 135.*

*Dan jinsab bil-quddiem ihares `il gewwa jistrieh fuq ir-roti b`dik ta` wara tax-xellug bit-tyres taghha b`ticrita fuqu komparabbli ma` daqqa fuq ir-rim taghha. Jinsab bi hsara estensiva fuq il-genb tax-xellug u z-zewg bibien jinsabu mixhutin `il gewwa, l-istaffa tinsab imqaccta minn postha u mixhuta taht bid-daqqa li biha tqaccat ir-running*

*board u waslet sa fuq il-floor board. Il-van fuq wara m`ghandux indicators u lanqas rear lights. Minn fejn jinsab dan il-van sa fejn jinsab il-mutur jinsabu sinjali mhaffrin got-triq komparabbli mat-thakkik li jinsab fuq il-parti ta` isfel tal-bar tal-forketta tal-mutur.*

*Lura mill-inkrocju ta` Lion Street go Racecourse Street fuq ix-xellug jinsab brake mark single mmarkat ta` tul ta` 9.6 metri.*

*Il-motorcycle huwa ta` kundizzjoni gdida mghammra b`sistema ta` hydraulic brakes quddiem u wara u jinsabu funzjonabbli ...*

*Il-crash helmet tas-sewwieq tal-mutur jinsab gol-ghalqa li tahtha jinsab il-mutur.*

Fit-tieni lok, huwa pprezenta l-<u>verbal tal-access</u> li sar fl-<u>20 ta` Lulju 2002</u> fejn kienet ezaminata l-vettura Trial Run 135 u fejn *inter alia* nghad hekk –

... *Meta l-esponent haddem is-sistema tal-indicators instab li jiffunzjonaw biss sewwa dawk ta` quddiem tan-naha tax-xellug li dawn jinsabu t-tnejn fuq xulxin indicator unit fil-mudguar u unit iehor tahtu gol-bumper. Meta ppruvjat dak ta` quddiem tal-lemin li jinsabu wkoll tnejn identici bhal dak tax-xellug, dan instab difettuz billi nstab dak ta` gol-bumper ma jindika xejn lanqas jixghel, filwaqt li dak ta` fuq jixghel biss minghajr ma jitfi u jixghel (ma jibblinkjax) filwaqt li dak tax-xellug ghalkemm dan instabu t-tnejn jibblinkjaw dawn ukoll minhabba nuqqas tal-indicator unit ta` wara m,a kienx qieghed jiffunzjona kif suppost.*

*Kull ma l-esponent sab fuq dan il-pickup van bhala difett hija s-sistema tal-indicators li wara m`ghandu xejn u fuq quddiem ghandu jiffunzjona biss dak tax-xellug li minhabba nuqqas ta` wara ma jiffunzjonax sewwa peress li t-teptip isir aktar frekwenti imma jindika sewwa. Dak tal-lemin instabu it-tnejn difettuziu dak ta` gol-bumper ma jindika xejn, ma jixghelx, u dak ta` fuqu ghalkemm dan*

*jinstab jixghel jibqa` mixghul minghajr ma jpetpet ma jibblinkjax ...*

Dan l-espert rega` xehed fl-udjenza tas-17 ta` Settembru 2009. Hemm Joseph Zammit ikkonferma li d-daqqa fil-vettura tal-konvenut kienet fuq ir-rota ta` wara tax-xellug. Dwar l-indicator tal-lemin, huwa xehed li kien hemm indicator pero` ma kienx hemm *blinking* u cioe` it-teptip.

Fl-udjenza tal-21 ta` Mejju 2007 kienet esebit l-okkorrenza tal-Pulizija dwar l-incident redatta minn P.S. 160 Mario Mifsud. *Inter alia* tirrizulta l-verzjoni li l-konvenut ta lis-surgent *a tempo vergine* li tghid hekk –

*Kont qed insuq il-van tieghi fid-direzzjoni minn Racecourse Street u gej biex nidhol fi Triq l-Iljun y waqr li kont qed naqsam it-triq rajt mutur gej bi speeds qawwi u baqa` diehel fuqi.*

L-atturi ressqu bhala prova kopja tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta` April 2006 fil-kawza *"il-Pulizija vs John Cutajar"* (fol 113 sa 119).

Il-konvenut xehed bil-procedura tal-affidavit. Huwa stqarr li kien qieghed isuq it-Toyota Hilux Pick-Up Trial Run Nru.135 fi Triq it-Tigrija, Hal-Qormi. Kien gej mid-direzzjoni tar-roundabout ta` hdejn il-fabbrika tal-Lowenbrau u ried idur fuq il-lemin biex jidhol go Triq l-Iljun.

Il-konvenut ighid hekk –

*Niftakar li kien hemm vettura ohra precisament quddiemi li kienet diga` dahlet fi Triq l-Iljan. Jien ukoll bil-vettura tieghi gia kont nofsi fi Triq l-Iljun meta sehh l-impatt. Jiena sa dan il-mument ma kontx ghadni rajt lill-*

*ebda mutur fil-vicinanzi tieghi. Lanqas ma rajt l-ebda mutur gej li seta` jostakolani milli nidhol minn Triq it-Tigrija ghal Triq l-Iljun ...*

*... kont gja kwazi lestejt din il-manuvra tieghi meta hassejt daqqa kbira fuq in-naha ta` wara, precizament fil-genb tal-vann fejn hemm ir-rota ta` wara fuq in-naha tal-passiggier. Bid-daqqa li s-sewwieq tal-mutur ta lill-vettura tieghi ghawgilha anke d-differential ...*

*... qabel l-impatt smajt ukoll hoss ta` brejk qawwi.*

Fl-udjenza tas-16 ta` April 2009 tressaq bhala xhud Richard Attard li ghalkemm ighid li l-mutur (li wara rrizulta li kien misjuqa minn Rupert Portelli) kien qalghu fit-*Triq tas-Suffarini* (u cioe` Triq Dicembru Tlettax) imbaghad il-mutur baqa` ghaddej ghal go Triq it-Tigrija. Il-mutur lahaq saq 'il quddiem minnu. Dwar l-incident *ut sic* ma seta` jghid xejn ghaliex huwa ma rax il-habta bejn il-mutur u l-vettura tal-konvenut.

Skond Stephen Cachia minn Transport Malta li xehed fl-udjenza tas-16 ta` Marzu 2010, meta huwa rricerka jekk Rupert Portelli kellux licenzja tas-sewqan, fir-records ma rrizulta xejn u cioe` li ma kellux licenzji. Huwa rricerka fuq l-isem bid-data tat-twelid mhux bin-numru tal-karta ta` l-identita` ghax ma kellux in-numru.

Fl-udjenza tal-4 ta` Novembru 2010 xehed Chris Tanti li kien passiggier fil-karozza misjuqa minn Richard Attard. Huwa ighid li l-mutur ghadda rih minn maghhom meta kienu go Triq Dicembru Tlettax. Meta mbaghad huwa dahlu go Triq it-Tigrija, sabu li kienet saret habta bejn dak il-mutur u l-vettura tal-konvenut. Il-habta ma rahiex issir.

Mit-traskrizzjoni tax-xhieda li gabret Av. Dr. Yana Micallef Stafrace *a tempo vergine* skond l-inkariku li hija

kellha fl-Inkjesta tal-Magistrat, jirrizulta *inter alia* li fid-deposizzjoni tieghu, fost hwejjeg ohra, il-konvenut xehed li huwa kien ser jilwi ghal Triq l-Iljun, sema` "boom" u wara ra l-mutur mal-art. Qabel pero` sema` l-hoss ta` mutur. Ighid li xeghel il-hands qabel beda jdur. Richard Attard jixhed li l-mutur qabzu b`sahha waqt li Chris Tanti jixhed li l-mutur qabizhom bi speed normali. Xehed ukoll Nigel Rausi li dwar il-motorcycle li kien qieghed jinsaq minn Ruper Portelli, il-polza kienet tat-tip *third party only* u *one named driver* u cioe` Joseph Mark Bartolo. Fl-osservazzjonijiet taghha fuq il-post, il-perit legali tghid li Racecourse Street hija triq pjuttost dritta fejn sehh l-incident u t-traffiku li jkun gej mid-direzzjoni ta` Hal-Qormi centru ghandu vizwali tajba tat-traffiku li jkun gej mill-Marsa.

Waqt l-access li din il-Qorti stess zammet fuq il-post fis-6 ta` Dicembru 2010 xehed il-Perit Richard Aquilina li kien mahtur sabiex ihejji pjanta tal-incident mill-Magistrat Inkwirenti u pprezenta kopja tar-relazzjoni tieghu u tal-pjanta (DOK RA1). Xehed ukoll il-konvenut. Fil-verbal taghha, din il-Qorti osservat li fejn Triq it-Tigrija tinkrocja ma` Triq l-Iljun il-vizwali fid-direzzjoni ta` Triq it-Tigrija lejn il-Marsa tippermetti lis-sewwieq tal-inqas tul ta` mitt metru. Il-Qorti waslet ghal din il-figura bl-assistenza tal-Perit Richard Aquilina. Inoltre ma hemmx ostakoli ghall-vizwali.

## III. Konkluzjonijiet dwar Responsabilita` fl-Incident

Fil-kawza tal-lum, kienet esebita bhala prova kopja tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta` April 2006 fil-kawza fl-ismijiet *"Il- Pulizija (Spettur R. D`Anastas) vs John Cutajar".*

Din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza **"Carbonara vs Ryan"** deciza fit-28 ta' Jannar 2004 osservat li ma hemm xejn hazin li gudikant fi process civili

jorbot decizjoni tieghu mal-provi migbura fi procediment kriminali
propju ghaliex fil-ligi ma hemm xejn kuntrarju ghall-ezebizzjoni f'kawza civili ta' kopja ta' sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti (**Vol XXV.I.689 u Vol XXXIX.II.768**). Naturalment minhabba l-indipendenza tal-azzjoni civili mill-azzjoni kriminali, il-gudizzju in sede penale jikkostitwixxi biss wahda mill-provi li l-Qorti Civili trid tiehu in konsiderazzjoni (ara wkoll **"Xuereb vs Micallef"** – Appell – 26 ta' Novembru 1923 ; **"Abela vs Bonnici" -** PA - 23 ta' Jannar 1958 ; **"Briffa vs Abela"** - PA - 28 ta' Marzu 2003 ; u **"Caruana vs Ministru tal-Ambjent et"** – PA – 7 ta' Lulju 2004).

Din il-Qorti sejra ticcita in extenso mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali.

**It-tieni aggravju tal-appellant** f`dik il-kawza (li kien il-konvenut fil-kawza tal-lum) kien *fis-sens li l-apprezzament li ghamlet l-Ewwel Qorti dwar il-fatti hu zbaljat u hu ma kellux jinstab hati mill-provi prodotti, partikolarment meta ssir riferenza ghax-xhieda ta' Richard Attard u Christopher Tanti, li minnhom johrog li l-mutur ghadda rih minn hdejhom ftit sekondi qabel ma sehh l-incident u dan jitfa' dawl fuq il-mod kif Rupert Portelli kien qed isuq il-mutur u li l-van misjuq mill-appellant kien gja dahal fi Triq l-Iljun salv ghall-parti tal-van fejn hemm ir-rota ta' wara. Illi mix-xhieda tal-istess appellant jirrizulta li hu kien kwazi dahal ghal kollox go Triq l-Iljun bil-van tieghu w ghalhekk kien ikkompleta l-manuvra wara li kien ezercita l-"proper lookout". Li hu kellu l-indicators ta' quddiem jiffunzjonaw u Portelli kien gej minn-naha ta' quddiem u ghalhek seta' facilment jilmah l-indicators li kienu jahdmu. Meta l-appellant kien hares lejn il-karreggjata opposta qabel ma ghamel il-manuvra, ra li minn dik id-direzzjoni kienet gejja karozza illi kienet ghadha ferm 'l boghod. Li hu kien ezercita proper lookout nonostante li hu pproceda minn minor road ghal major road. Portelli kien qed isuq b' certa velocita'. Hu ha l-prekawzjonijiet u l-kawteli kollha possibbli rikjesti minn sewwieq diligenti. Ma ha fuqu ebda*

*riskju b' certu negligenza, leggerezza, imprudenza w nuqqas ta' tharis tar-regolamenti. Li ma kienx fil-limitu tal-possibbli li l-appellant jipprevjeni dak li sehh tant li huwa xehed li meta hares fid-direzzjoni opposta huwa ra karozza gejja li kienet il boghod u ghalhekk il-mutur li habat mieghu kien ghadu lanqas biss jidher. L-appellant irmexxielu jipprova li "on the balance of probabilities" hu m' ghandux htija kriminali ghall-incident.*

L-Imhallef sedenti fil-kawza **acceda privatament fuq il-post tal-incident,** kif kien awtorizzat li jaghmel bi qbil bejn il-partijiet. Huwa kkonstata hekk –

*li l-habta grat fit-T-Junction formata minn Triq l-Iljun li hija l-branch road u Triq it-Tigrija li hija t-through road. Iz-zewg toroq huma fil-wita' w Triq it-Tigrija hija fid-dritt fiz-zewg direzzjonijiet tal-junction b' mod li toffri vizwali mhux ostakolata reciproka ta' circa mitt metru (100 m) f' kull direzzjoni lill hinn mit-T-Junction. Ghalhekk b' kollox ghal drivers ta' zewg vetturi li jkunu qed javvicinaw lil xulxin minn direzzjonijiet opposti hemm vizwali kumulattiva ta' circa mitejn metru. It-triq ghandha superficje ta' tarmac jew hot asphalt fi stat pjuttost imharbat. Ghal min ikun gej mid-direzzjoni tar-Racing Club, kif jirrizulta li kien gej il-motociklista Rupert Portelli li gie korrut fatalment fl-incident, it-triq mil-lemin hija ffjankata minn hajt tas-sejjegh gholi xi seba' filati li jissepara it-triq minn ghalqa. Mix-xellug, it-triq hija ffjankata l-ewwel mill-hajt tar-Racing Club, imbaghad minn triq laterali li minnha tidhol ghall-entrata*
*principali tal-korsa taz-zwiemel u mbaghad minn bankina baxxa li tissepara lit-triq mill-car park tar-race course. Din il-bankina fiha gap li minnha jidhol u johrog it-traffiku mill-car park. Hekk kif tiskorri l-junction fejn grat il-habta max-xellug hemm il-hajt tal-gnien tal-fabbrika tal-birra Lowenbrau. Irrizulta li l-appellant kien gej mid-direzzjoni ta' Hal Qormi ossia tar-roundabout li hemm f' tarf it-triq it-Tigrija w li meta wasal fil-junction, dar lejn il-lemin biex jidhol go l-branch road, Triq l-Iljun. Hemmhekk il-velocita' massima regolamentari skond ir-Regolament 127 tal-Motor Vehicle Regulations (A.L. 128/1994) kienet ta' 50*

*kfs. stante li l-ambjent jista' jitqies bhala wiehed ta' bliet u rhula billi ftit lura minn fejn gara l-incident hemm konglomerazzjoni ta' stalel, hwienet tax-xorb, xi djar u l-korsa taz-zwiemel u minn-naha lohra hemm il-fabbrika surreferita u kif taqsam irroundabout hemm abitazzjonijiet.*

Il-Qorti mbaghad kompliet hekk bil-**<u>konsiderazzjonijiet</u>** taghha -

*Illi l-uniku xhud okulari tal-incident kien l-appellant innifsu. Mix-xhieda tieghu rrizulta li hu kien gej isuq il-van pick up numru TR 135 tal-marka Toyota mid-direzzjoni tar-roundabout li hemm fid-dahla ta' Hal Qormi lejn il-Racing Club go triq it-Tigrija w ried jaghmel "right turn" biex jidhol go Triq l-Iljun li tigi*
*bejn il-car park u l-hajt tal-fabbrika fuq imsemmija. Fi kliem l-istess appellant, (fols. 74 sa 83 tal-process) hu kien diehel, ra karozza mill-boghod x' hin kien diehel, kien hemm karozza ohra quddiemu w semghu "bum" biss. "Il-bqija ma smajna xejn izjed." Kien qed idur lejn il-lemin tieghu biex jidhol fejn il-parking area u hu kien diga' dahal b' nofs il-karozza w hu w l-karozza lohra ta' quddiemu dahlu wara xulxin. Il-mutur ma kienx rah gej mill-faccata. Karozza mil-boghod hafna kien ra. Il-mutur kien warajha ghax hu ma rahx il-mutur. Intlaqat fuq il-gemb tax-xellug tal-van tieghu. Hu kellu t-tyre ta' wara mifqugh. Id-driver spicca mal-art mal-hajt fejn gie l-mutur. Indicator kellu ta' quddiem ghax ta' wara kien ghadu kif igibu minghand l-isprayer u ta' quddiem kien jixeghel. Ghad-domanda tal-Ewwel Qorti, hu wiegeb li kien ghadu diehel meta habat u ma kienx fejn spicca wara l-incident, ghax hu ma sema' xejn. Bum biss sema'.*

Il-Qorti ghaddiet imbaghad sabiex tqis il-kwistjoni tal-**<u>htija kriminali</u>** tal-appellant (u cioe` tal-konvenut odjern) u anke fuq l-iskorta ta` **<u>dottrina u</u>** **<u>gurisprudenza</u>** sostniet hekk -

*Li minn dawn il-fatti kif narrati mill-appellant tirrizulta manifesta l-htija tieghu ghal dak li gara. Illi kien jinkombi*

*fuqu li qabel ma jdur lejn il-lemin "across the path of oncoming traffic", li jesplora tajjeb it-triq quddiemu w jaccerta ruhu li seta' jaghmel din ilmanuvra b' sikurezza ghalih u ghal traffiku li seta' kien gej minn quddiemu jew addirittura minn warajh. Illi hu principju rikonoxxut fil-Qrati taghna li min ser jidhol minn triq ghal go triq ohra w b' hekk jikser il-kurrent tat-traffiku li jkun sejjer ghad-dritt u jaqsam l-istess triq traversalment, ghandu joqghod ferm attent qabel ma jaqsam u jekk ikun hemm bzonn, anki jieqaf biex jara sewwa (Kollez.Vol.XXX. iv. p.649)*

*Kif jghid il-<u>GIBB</u> "The Trial of Motor Car Accident Cases" (para. 85) :-*

*"A motorist has a right to turn his car in the highway unless prohibited by some regulation. In doing so, however, he must have regard to the safety of others using the highway. He must be charged with negligence if he turns his car to the right across the path of a vehicle approaching … thus making it impossible for the driver of the other vehicle to avoid a collision."*

*Ghalhekk ma hemmx dubju li l-appellant kellu l-obbligu li qabel ma jibda jdur lejn il-lemin jaccerta ruhu li seta' jaghmel dan "with a good margin of safety" u li bl-ebda mod ma jfixkel il-passagg tal-motociklista Portelli li kien gej mill-faccata. L-appellant itenni aktar minn darba li hu kien xeghel l-indicator biex juri li ser idur lejn il-lemin u ghalkemm l-indicator ta' wara ma kienx f' postu, dak ta' quddiem kien jahdem. Issa, apparti li kif xehed l-espert mekkaniku Joseph Zammit, (fol.31) li ladarba l-van tal-appellant ma kellhiex l-indicators ta' wara, awtomatikament ta' quddiem ma jahdmux ukoll, il-fatt li wiehed ikun xeghel l-indicator ma jatih ebda priorita' fuq haddiehor jew dritt li jaqleb ir-"rule of the road" favur tieghu. Kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. John Bartolo" ( Kollez.Vol. XXXVIII, iv. p.868) - Il-fatt li wiehed johrog l-indicator ma jista' qatt jigi estiz li jfisser li t-traffiku….gej fuq il-main road ghandu jkun kostrett jaltera l-speed jew iwaqqaf ghal kollox u jitlef il-priorita'. Min johrog l-"indicators" ikun qieghed jaghti, kif hu obbligat, avviz lit-traffiku ta' warajh u ta' quddiemu ;*

*imma imbaghad ma jistax, semplicement ghax hareg l-"indicator", jaghmel li jrid, jikser il-priorita' li jaghtu r-regolamenti w jaqleb ir-"rule of the road" favur tieghu.*

<u>O.C. MAZENGARB</u> fil-monografija tieghu "Negligence on the Highway" jghid appropozitu li :-

*"The act of turning across the line of oncoming traffic is one which requires a special duty of care which is not necessarily discharged by giving the conventional signal of intention to deviate from one's course …In ordinary circumstances if a driver turns out of and across the line of traffic after giving the usual signal, he acts negligently unless he has reasonable grounds, besides the pure fact of his warning, for believing that he can cut across without endangering approaching traffic."*

*Kif gie ukoll ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Francis Schembri" (26.6.1968) :-*

*"Hawn hafna drivers li jahsbu illi meta jkunu ser jaqsmu ghal fuq il-lemin tat-triq, bizzejjed li jaghtu sinjal u li b' hekk ikunu intitolati li jaqsmu t-triq. Dan huwa zball u jikkostitwixxi mankanza gravi ta' min ikun isuq. Is-sinjal ghall-ewwel ifisser illi tkun l-intenzjoni tad-driver li jaqsam it-triq; izda dan mhux bizzejjed. Biex hu jista' jaqsam, ikun hemm bzonn illi driver jaccerta ruhu illi bil-qasma tieghu tat-triq huwa ma jkunx ta' ostakolu lil traffiku iehor li jkun hemm fl-istess triq fuq iz-zewg direzzjonijiet, u meta jkun assikura ruhu b' dan, id-driver ikun intitolat li jaqsam it-triq."*

*Illi hu ovvju li l-ewwel u l-aqwa mod kif wiehed jista' jassikura ruhu minn dan hija billi jezercita "a proper lookout" u jesplora tajjeb it-triq li jkun ser jaqsam fiz-zewg direzzjonijiet. Illi gie ukoll ritenut li hu dover ta' driver "to see what is in plain view" (App.Krim. "Il-Pulizija vs. Joseph Vella" [10.8.1963]) u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout" (App.Krim. "Il-Pulizija vs. J. M.Laferla" [17.6.1961]*

*Illi hu ovvju li l-appellant ma zammx proper lookout ghax kieku hares tajjeb `il quddiem, apparti l-vettura li skondu kienet ghadha ferm il boghod, kien zgur jara l-mutur gej lejh. Dan il-mutur ma waqax mis-shab jew immaterjalizza fit-triq proprju kif hu kien qieghed idur lejn il-lemin. Bil-fors li kien ilu vizibbli ghal certu interval. Bil-fatt li l-appellant jibqa` jinsisti li hu f'ebda hin qabel ma sema l-hoss tal-habta ma kien ra l-mutur, qed jinkrimina ruhu dwar in-nuqqas ta' proper lookout.*

*Illi l-appellant ukoll jipprova jispjega dan bil-fatt li l-motociklista kien gej isuq bi speed eccessiv. Issa apparti li dan ma jirrizulta minn imkien, ghax l-appellant qatt ma rah gej u z-zewg xhieda Richard Attard (Fols. 60 sa 67) u Christopher Tanti ( fols. 68 sa 72) xehdu biss li l-mutur kien qabizhom bi speed*
*gholi, meta huma kien ghadhom xi nofs mil lura minn fejn gara l-incident u li l-incident ma rawhx isir, anki kieku dan kien minnu – kif donnu accettat l-Ewwel*
*Qorti fis-sentenza appellata, dan ma jezonerax lill-appellant mir-responsabbilta' kriminali ghall-akkadut. Dan ghaliex f' sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel sewwieq iehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament tort da parti*
*tas-sewwieq l-iehor (Ara Appelli Kriminali: "Il-Pulizija vs.Gaetano Schembri" [16.3.1961]; "Il-Pulizija vs. John Polidano"[3.11.1963] "Il-Pulizija vs. Rev. C.Mifsud"(Kollez.Vol.XXXVIII;,iv.p.1131) u ohrajn.). Fi kliem iehor, il-"contributory negligence" ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (App.Krim."Il-Pulizija, vs. P.Vassallo", [Kollez.Vol.XXXVII,iv.p.883])*

*Illi l-appellant jissottometti wkoll li hu kien lahaq dar ghal got-triq laterali meta saret il-habta. Apparti li anki hawn mhux korrett bhala fatt, ghax kollox jindika li l-point of impact kienet ghan-nofs ta' Triq it-Tigrija u li, kif imbaghad taht pressjoni mill-Ewwel Qorti, l-appellant stqarr li hu kien baqa' diehel anki wara d-daqqa w spicca fejn jidher fil-pjanta esebita w fir-ritratti esebiti, anki kieku*

*kien minnu - li mhux - li hu kien lahaq dahal fis-side road, hawn mhux kwistjoni ta' tigrija min jilhaq jghaddi l-ewwel, imma kwistjoni ta' rule of the road u l-priorita' li din tikkonferixxi. Ghalhekk anki dan l-argument, infondat bhala fatt hu ukoll infondat guridikament.*

*Illi fir-rizoluzzjoni ta' responsabbilta' naxxenti minn incidenti awtomobilistici, ghandu dejjem jigi ezaminat x' kienet il-kawza prossima tas-sinistru (App.Krim. "Il-Pulizija vs. Emmanuele Grixti" (Kollez.Vol.XXXVII, iv. p.1217) u sabiex ikun hemm responsabbilta' ghall-kollizzjoni jinhtieg li jkun hemm nexus fis-sens li l-vjolazzjoni tkun kawza prossima tal-kollizzjoni. (App.Krim."Il-Pulizija v. Nazzareno Micallef" [3.12.1960].) F'dan il-kaz indubbjament il-manuvra inkonsulta ghall-ahhar tal-appellant li jdur "across the line of oncoming traffic" minghajr esplorazzjoni tajba tat-triq id-dritta ghal traffiku gej mill-faccata, kienet il-kawza prossima w determinanti tal-incident. Jekk kien hemm xi speed eccessiv da parti tal-motociklista – li din il-Qorti ma ssibx li jirrizulta – dan seta' biss, ghal massimu, serva ghall-attenwazzjoni fil-piena u xejn aktar.*

Il-konsiderazzjonijiet ta` fatt u ta` dritt li ghamlet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fuq riferita saru fil-kuntest tal-kwistjoni tal-htija tal-konvenut odjern *in criminalibus.* Wara li qieset il-fatti tal-kaz, u ghamlet il-konstatazzjonijiet taghha, din il-Qorti tafferma li l-accertamenti ta` fatt, il-konsiderazzjonijiet ta` dritt, u d-dottrina u l-gurisprudenza citata fis-sentenza jghoddu wkoll ghall-fini tal-htija *aquiliana* tal-konvenut u din il-Qorti qeghda taghmilhom taghha ghall-fini ta` din id-decizjoni. In aggunta din il-Qorti zzid tghid hekk –

1) L-incident mertu ta` din il-kawza gara **<u>unikament</u>** htija tal-konvenut. Ghalkemm kellu vizwali tajba fid-dritt, mhux ostakolata u fit-tul tat-traffiku gej mid-direzzjoni tal-Marsa, huwa naqas milli jara l-motorcycle ta` Rupert Portelli qabel beda l-manuvra li minn Triq it-Tigrija jibda diehel ghal go Triq l-Iljun. Il-konvenut ma rax il-motorcycle ghaliex ma esplorax sewwa t-traffiku gej mill-

faccata. Hu kellu jaccerta ruhu mhux biss li jista' jibda l-manuvra li ried jaghmel biex jaqsam imma li jaccerta ruhhu li seta` jispiccaha minghajr hsara ghalih jew ghal utenti ohra tat-triq. Il-motorcycle kien *in plain view* ghall-konvenut, *eppure* il-konvenut ma rax il-motorcycle ghajr wara l-impatt. Ghax il-manuvra tal-konvenut kienet intempestiva, u allura negligenti, huwa fixkel il-passagg tal-motorcycle li kien ghaddej fil-karreggjata propja u legittima tieghu, kif huwa ben evidenti mill-pjanta DOK RA1. Kif ighid il-GIBB fil-ktieb "Trial of Motor Accident Cases" - *The act of turning across the line of oncoming traffic is one which imposes a special duty of care.* Huwa rrilevanti fejn preciz fil-genb tax-xellug garrab hsara l-van tal-konvenut. Li certament rilevanti huwa l-fatt li l-van intlaqat fil-genb tax-xellug, u allura meta kien qieghed milwi lejn il-lemin u ghadu qed jaqsam il-karreggjata tat-traffiku gej mill-Marsa, kif huwa ben evidenti mill-*point of impact* indikat fil-pjanta DOK RA1. Skond il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati, "*Il-fatt li (vettura) tigi milquta meta tkun ittraversat bicca sewwa mit-triq principali huwa rrilevanti*" (App.Krim. – **Pulizija vs C. Balzan -** 27.5.67). Hekk ukoll li "*s-sewqan ma jsirx bl-izgiccaturi*" (App.Krim. – **Pulizija vs G. Galdes** -: Vol 37 p 1108). Meta wiehed jigi biex jaqsam it-triq b'karozza dan irid jara li ma jkunx hemm traffiku gej, mhux biss meta jibda jaqsam imma anke sakemm jaqsam ghal kollox (App. Civ. - **Farrugia v. Ripard -** 15.2.74). Din il-Qorti zzid tghid anke fuq l-iskorta tax-xhieda tal-espert Joseph Zammit li l-indicator tal-lemin (dak rilevanti ghall-manuvra tal-konvenut) kien difettuz f`dak li suppost kien qieghed juri lil utenti ohra tat-triq, il-konvenut kien messu jew ma saq xejn il-van meta dik l-istess vettura ma kellhiex il-funzjonijiet taghha kollha operanti u tajbin jew jekk ghazel li jsuq b`vettura f`dik il-kondizzjoni kien messu qaghad ferm u ferm aktar attent. Fic-cirkostanzi, il-konvenut ghazel li jitghabba *with a self-inflicted incapacity* li, in aggunta mal-fatturi l-ohra diga` senjalati, wasslu unikament ghall-incident.

2) L-incident sehh **minghajr htija kontributorja** da parti ta` Rupert Portelli. Jekk wiehed jaccetta bhala

fatt li l-mejjet kien qieghed isuq il-mutur bla licenzja tas-sewqan u minghajr assikurazzjoni, dawn l-infrazzjonijiet wahedhom da parti tieghu ma jgorrux maghhom il-konsegwenza li necessarjament kien responsabbli ghall-incident. Trid issir il-prova ta` ness ta` kawzalita` bejn il-fatt kolpuz u l-event dannuz. Fil-kaz tal-imgieba ta` Portelli bhala konducent tal-motorcycle ma tirrizulta l-ebda prova li seta` kien responsabbli *in toto* jew *in parte* ghall-incident u ghall-konsegwenzi tieghu. Kien hemm tentattiv da parti tal-konvenut u tal-intervenuta fil-kawza sabiex jaddebitaw speed eccessiv lill-motorcycle. Dan l-allegat speed eccessiv ma rrizultax lanqas *in civilibus*. Fl-ewwel lok, ma tressaq l-ebda xhud li ra l-motorcycle jahbat mal-van – lanqas il-konvenut ma seta` jixhed dwar dan ghaliex ma rax il-mutur qabel l-incident. Fit-tieni lok, Richard Attard u Chris Tanti raw il-mutur jaqbizhom fi Triq Dicembru Tlettax u ma osservawhx aktar wara li dahal fi Triq it-Tigrija sa ma rawh marbut. Dwar l-ispeed tal-motorcycle, huma jaghtu verzjonijiet konfliggenti bejn meta xehdu *a tempo vergine* fl-inkjesta u meta xehdu f`dik il-kawza : jissemma kemm speed normali, kemm speed qawwi kif ukoll li ghadda “rih”. Jibqa` l-fatt li ghadda kif ghadda l-mutur kien lura ferm mill-post tal-incident u hadd ma seta` jghid kif kien ghaddej fil-waqt tal-incident. Fit-tielet lok, brakemark ta` 9.6 metri mbaghad ta` mutur mhuwiex evidenza ta` speed eccessiv meta wiehed iqis li f`emergenza mutur ma jieqafx bhal karozza. Fir-raba` lok, nafu fejn spiccaw il-mutur, il-crash helmet u l-persuna ta` Portelli, pero` b`daqshekk ma jfissirx li d-dinamika kienet wahda ta` impatt gej minn speed eccessiv ta` xufier jew ta` iehor ghax l-effetti ta` sinistru stradali l-aktar meta jkollok van u mutur ma jitfasslux fuq *drawing board* skond xena predeterminata propju ghaliex kull incident ghandu l-istorja partikolari tieghu bl-effetti partikolari tieghu. Fir-raba` lok, huwa akkolt bhala principju ta` dritt naxxenti mill-gurisprudenza fil-qasam tal-infortunistika stradali li anke jekk vettura li tkun involuta f`habta jirrizulta li kienet ghaddejja bi speed li jmur oltre l-limitu regolamentari, dak il-fatt wahdu ma jwassalx *a priori* u necessarjament ghal responsabilita` *in toto* jew *in parte* ghall-incident *dment* li ma jirrizultax minn provi oggettivi u ben dimostrati li dak l-istess eccessiv kien fattur kontributorju jew determinanti

fil-htija ghall-incident (ara : “**Bonello vs Baldacchino**” – Appell Civili – 15 ta` Jannar 1997). Kollox meqjus din il-Qorti teskludi ghal kollox li bis-sewqan tieghu Rupert Portelli nkluz l-ispeed seta` ikkontribwixxa jew ipprovoka l-incident li fih tilef hajtu.

## IV. Prova tad-Danni

F`din il-kawza, ma tressqet l-ebda eccezzjoni dwar karenza ta` interess kontra l-azzjoni tal-atturi. Waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-atturi rnexxielhom iressqu l-prova li minnhom kien qieghed jippretendi l-konvenut u cioe` li jghidu skond liema kwalita` kienu qed jaghmlu din il-kawza u jippretendu risarciment ta` danni. Il-prova tal-atturi ma kenitx kontestata u cioe` li huma kienu l-genituri ta` Rupert Portelli u li kienu l-eredi tieghu. Waqt il-gbir tal-provi, kienet ventilata mill-konvenut u mill-intervenuta fil-kawza l-possibilita` li l-eredi ta` Rupert Portelli li kien guvni seta` kienet Ruth Galea, tarbija li kienet twieldet minn relazzjoni li kellu ma` certa Rita Galea. L-attur kien sottopost ghal diversi domandi dwar din il-kwistjoni u kien ukoll prodott certifikat tat-twelid ta` din it-tarbija. *Eppure* fuq l-iskorta tal-provi li ngabru, il-konvenut ma ghamel l-ebda talba sabiex iressaq eccezzjonijiet ohra. Li jfisser li baqa` sal-ahhar mhux kontestat l-interess attwali tal-atturi li jippromwovu din l-azzjoni. Hadd ma talab li jissejhu fil-kawza persuni ohra fil-kawza u lanqas din il-Qorti ma dehrilha fuq li semghet li kellha ghalfejn issejjah hi stess *ex officio* lil persuni ohra fil-kawza. Jibqa` l-fatt accertat li Rita Galea ma ssejhitx biex tixhed f`din il-kawza, li c-certifikat tat-twelid tat-tarbija kien qieghed juri l-missier bhala “*unknown father*”, li Ruth Galea ilha tghix mal-atturi u trabbiet maghhom sa minn wara l-mewt ta` binthom Rupert, li ma rrizultax li sar xi DNA *comparative testing* bejn id-DNA ta` Rupert u dak ta` Ruth. *Cio` nonostante* ghal din il-Qorti li trid timxi fuq il-binarji tal-azzjoni li ghandha quddiemha, dawn id-diversi cirkostanzi wahedhom ma jnaqqsu xejn mid-dritt tal-atturi li jipprocedu kif ghamlu f`din il-kawza.

**A, <u>Damnum Emergens</u>**

Diversi kienu l-pretensjonijiet tal-atturi ghal *damnum emergens.* Uhud bhal fil-kaz tal-hlas lura ta` dejn li kellu t-tifel qabel il-mewt mhumiex risarcibbli bhala danni. L-istess ighodd ghall-ispejjez tal-medicini abbazi tal-principju ta` *remoteness of damages* anke jekk l-atturi jsostnu li l-kura medika kienet necessarja minhabba l-effett negattiv li l-mewt hesrem tat-tifel kellha specjalment fuq l-attrici. L-unici li din il-Qorti sejra tammetti anke fil-kuntest ta` dak li jghid l-<u>Art.1045 tal-Kap.16</u> huma l-ispejjez funerarji u l-ispejjez tal-hsara tal-motorcycle.

Limitatament ghal dawn id-danni, din il-Qorti jidhrilha li ghandha tikkritika s-superficjalita` u *ta` kif gie gie* kif l-atturi ttentaw jaghmlu din il-prova. Din il-Qorti ma hija xejn sodisfatta bil-kont tal-funeral a fol 124. L-ebda azjenda ta` servizzi funerarji anke jekk kondotta fuq linji "primittivi" ma tohrog kont bla data u redatt *ta` caf caf* bhal dak. U lanqas ma messhom l-atturi qatt ghadditilhom anke mill-"antecamera" ta` mohhhom li jipprezentaw "kont" bhal dak, kont sprovvist minn data u mhux accettabbli ghal ragunijiet fiskali. Minflok tichad il-pretensjoni, din il-Qorti, ghaliex perswaza li Rupert Portelli nghata difna kif jixraq, sejra *arbitrio boni viri* tirriduci l-pretensjoni attrici ghal elf mitejn u tmenin Ewro (€1,280). L-istess ighodd fuq linja differenti ghar-rigward tal-hsara tal-mutur konsegwenza tal-incident, liema hsara nafu bhala fatt li ssuccediet. Imma din il-Qorti tistaqsi ghala hadd ma ta parir lill-atturi biex jaghmlu *survey* anke *ex parte* tal-mutur sabiex jistabilixxu d-danni ? Din hija mankanza grossolana li din il-Qorti ma tistax taccetta. Din il-Qorti ma tistax tillikwida danni semplicement abbazi ta` DOK AP6 a fol 6. Ghax l-atturi ghazlu li jipprezentaw provi hekk vitali litteralment *bl-addocc,* din il-Qorti ghax taf li saret hsara u abbazi tal-konstatazzjonijiet tal-espert tekniku fl-inkjesta *arbitrio boni viri* sejra tqis id-danni tal-mutur fl-ammont ta` elf mija u sittin Ewro (€1,160).

Ghalhekk id-damnum emergens tal-atturi jammonta ghal **€2240**.

## B. Lucrum Cessans

Rupert Portelli twieled fis-27 ta` Ottubru 1974. Miet fis-26 ta` Lulju 2002 bhala konsegwenza tal-griehi li garrab fl-incident mertu ta` din il-kawza. Fid-data tal-mewt huwa kellu sebgha u ghoxrin (27) sena u disgha (9) xhur. Diga` rrizulta li l-mejjet kien guvni u kien ighix mal-atturi. Rupert Portelli kien kuntistabbli u kellu n-numru P.C.1515. Kienu esebiti diversi *IT1 Forms* rilaxxjati mill-Kummissarju tal-Pulizija li jkopru s-snin ta` bejn l-1994 u l-2002 u cioe` mill-bidu tal-impieg tieghu fil-Pulizija sal-mewt (fol 95 sa 104). Din il-Qorti sejra tikkoncentra fuq il-*forms* relattivi ghas-snin 2001 u 2002 ghall-fini tal-kalkolu tal-*lucrum cessans.* Fis-sena ta` qabel l-incident u cioe` 2001, Rupert Portelli kellu introjtu gross mill-impieg ta` Lm5,391.20c6 in kwantu ghal Lm5,013.99c6 bhala salarju, in kwantu ghal Lm264.02 bhala allowances u in kwantu ghal Lm113.19 bhala sahra. Fl-2002 sad-data tal-incident, kien lahaq qala` s-somma ta` Lm3,179.43 in kwantu ghal Lm2,970.33c1 bhala salarju, in kwantu ghal Lm110 bhala allowances u in kwantu ghal Lm98.99c bhala sahra.

Skond l-atturi (ara l-affidavit tal-attur a fol 15 sa 17 u l-affidavit tal-attrici a fol 44 u 45), binhom Rupert, wara l-hin tax-xoghol, kif ukoll fil-Hdud u l-Festi, kien jahdem ukoll ghal rasu bhala *part-time* mechanic go garage tieghu li kien armat bl-ghodda kollha ta` mechanic. Skond l-attur, ibnu kien idahhal Lm300 ohra fix-xahar mix-xoghol *part-time*.

Fiz-zmien tal-incident tat-tifel u anke qabel, l-attur ighid li huwa ma kienx jahdem. U baqa` dizokkupat. Rupert kien jikkontribwixxi regolarment ghall-familja. L-

attur jiddeskrivi lil Rupert bhala l-*breadwinner* tal-familja ghaliex kien ihallas ix-xirja tal-gimgha, kien jikkontribwixxi ghall-hlasijiet tal-kontijiet tad-dawl u tal-ilma u kien ighaddi flus kull gimgha lil ommu. Skond l-attur, Rupert kien jaghti Lm40 fil-gimgha fi flus lil ommu. L-attrici ssemmi l-figura ta` Lm200 fix-xahar fi flus.

## V. Likwidazzjoni tad-Danni

Din il-Qorti diga` esprimiet ruhha dwar id-***damnum emergens***.

Dwar ***lucrum cessans*** din il-Qorti qieset b`reqqa l-gurisprudenza kollha citata mill-partijiet fin-noti ta` osservazzjonijiet taghhom u, ghax l-insenjamenti citati ghandhom rilevanza, din il-Qorti sejra tikkunsidrahom ghall-fini ta` din id-decizjoni a skans li toqghod tirreferi ghal kull decizjoni li ghaliha rreferew il-partijiet.

Minhabba l-fattispeci tal-kaz in ezami, din il-Qorti sejra toqghod, **in linea generali** ghall-fini tal-likwidazzjoni ta' ***lucum cessans***, fuq il-linji traccjati fis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell fil-kawzi "**Turner vs Agius**" tat-28 ta` Novembru 2003 u "**Mizzi Genovese**" tat-3 ta` Marzu 2006.

### A. Bazi tal-*multiplier*

Din il-Qorti tghid mill-ewwel li ghall-fini ta` din il-parti tal-*equation* li trid twassal sabiex jigi stabbilit il-*lucrum cessans,* hija sejra tqis biss bhala bazi s-salarju ta` Rupert Portelli mill-impieg tieghu bhala kuntistabbli fil-Korp tal-Pulizija u tiskarta ghal kollox l-allegazzjoni li kellu dhul minn xoghol part-time.

Ghal din il-Qorti dan tal-ahhar ma jirrizultax pruvat ghas-sodisfazzjon taghha la mill-ftit dokumenti prodotti li ma jwasslu propju mkien, izda l-aktar mill-assenza totali ta` dokumenti rilevanti hafna bhal *returns* ta` *income tax* u dokumenti tal-*value added tax.*

Fl-eventwalita` li Rupert Portelli ghazel li jahdem *part-time* bla ma jhallas taxxa jew bla ma jkun registrat mad-Dipartiment tal-VAT, l-eredi tieghu ma jistghux jippretendu li tkun propju din il-Qorti li tapprova kwalsiasi xorta ta` evazjoni fiskali da parti tieghu billi tqis id-dhul tieghu minn *lavoro in nero* ghall-fini ta` *lucrum cessans*.

Fl-2001, Rupert Portelli kellu dhul gross mill-impieg ta` Lm5,391 inkluzi l-*allowances* u s-sahra, li notorjament huma regola fil-korp tal-Pulizija u allura ghandhom jitqiesu bhala parti integrali mid-dhul regolari. Ghax Rupert miet qisu lejn nofs l-2002, id-dhul ghal dik is-sena huwa nkomplet. Din il-Qorti tqis li l-mejjet kien ghad fadallu karriera fil-Pulizija. Tqis ukoll li l-impieg huwa ben rimunerat minhabba l-aspett tar-riskju u tas-sigurta`, u l-probabilita` hija li minkejja l-konguntura ekonomika u finanzjarja tal-pajjiz, dak it-tip ta` impieg jibqa` mhallas tajjeb anke fil-futur.. Ghalhekk bhala bazi ghall-*multiplier* din il-Qorti sejra tadotta l-figura ta` dhul gross ta` **<u>€16,500</u>** fis-sena – kollox inkluz.

**B. *<u>Multiplier</u>***

Meta miet, Rupert Portelli kellu ftit xhur anqas minn 28 sena. Din il-Qorti sejra tadotta multiplier ta` **<u>30</u>** sena anke ghaliex hija tikkunsidra bhala qies il-fattur tac-*chances and changes of life* kif ukoll ghaliex huwa fatt notorju li mal-limitu ta` 25 sena servizz, membru tal-korp tal-Pulizija ikun intitolat jitlaq mill-korp u jippercepixxi pensjoni, bla hsara ghal dak li tghid il-legislazzjoni tas-sigurta` socjali.

**C. Konsum Personali**

Li kieku Rupert baqa` haj huwa kien sejjer jikkonsma parti mill-introjtu tieghu ghall-konsum tieghu ta' kuljum. Ghalhekk l-ghoti ta` *lucrum cessans* irid ta` bilfors jigi ridott b`percentwali li tqis dan il-fattur. Din il-Qorti sejra tadotta riduzzjoni ta` **25%**.

**D. Fattur ta` Dipendenza**

L-attur ighid li Rupert kien il-*breadwinner* tal-familja. Din il-Qorti ma tghidx li kien *breadwinner* fis-sens solitament mifhum tal-kelma izda jidher li Rupert kien zaghzugh li ghax fehem li kellu jghin lill-genituri tieghu billi kien ighix maghhom bil-hafna tajjeb u ta` vantagg li kondizzjoni bhal din iggib maghha kien doverozament ighin kif jista` finanzjarjament lill-genituri tieghu. Dak pero` ma jfissirx li l-genituri kienu ghas-sostentament taghhom jiddependu fuq l-introjtu tieghu. Mhux hekk irrizulta fil-kaz tal-lum – iddur fejn iddur. Il-missier kien dizokkupat. Ghala spicca bla impieg ma nafux. Ma hemmx il-prova li dak li l-genituri kienu jircievu minghand Rupert issostitwixxa dak li kien idahhal il-missier mill-impieg. Lanqas ma hemm il-prova li l-familja kienet sprovvista minn beneficcji socjali. Ghalhekk fil-kaz tal-lum it-tnaqqis tal-fattur ta` dipendenza huwa operattiv anke sabiex jibqa` jaghmel sens. Kollox meqjus u in linea mal-gurispudenza, dan **il-fattur ta` TNAQQIS ghandu jkun ta` 66%.**

**E. *Lump Sum Payment***

Rupert Portelli miet fis-26 ta` Lulju 2002. Il-kawza kienet prezentata fit-2 ta` Lulju 2004. Abbazi tas-sentenzi tal-Qorti tal-Appell tas-7 ta' Ottubru 2005 fil-kawzi fl-

ismijiet **<u>“Sammut et vs Meilaq et”,</u>** **<u>“Farrugia et vs Meilaq et”</u>** u **<u>“Scicluna et vs Meilaq et”</u>** tnaqqis ta’ 20% ghal “lump sum payment” ghandu jibda jigi gradwalment ridott bi 2% ghal kull sena in eccess ta’ <u>tliet snin</u> bejn id-data tal-presentata tac-citazzjoni u d-data tas-sentenza. Ghalhekk fil-kaz tal-lum, din il-qorti tghid li r-riduzzjoni ghal “*lump sum payment*” ghandha tkun ta’ **<u>12%</u>**.

**F. <u>L-*Equation*</u>**

Ghalhekk il-***<u>lucrum cessans</u>*** huwa dan :-
€16,500 x 30 x 75% x 33% x 88% = **<u>€107,811</u>**

**G. <u>Danni Totali</u>**

**<u>€110,051</u>** = €2,240 + €107,811

**VI. <u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza hekk –**

**1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut.**

**2. Tilqa` l-ewwel talba attrici u tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli kemm ghall-incident tat-traffiku li gara fit-18 ta` Lulju 2002 f’Racecourse Street, kantuniera ma` Triq Iljun, Marsa, f`liema incident Rupert Portelli tilef hajtu, kif ukoll ghad-danni konsegwenzjali li garrbu l-atturi bhala rizultat ta` l-istess l-incident ;**

**3. Tilqa` t-tieni talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta` mija u ghaxart elef wiehed u hamsin Ewro (€110,051) in linea ta` danni.**

**4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta` mija u ghaxart elef wiehed u hamsin Ewro (€110,051) in linea ta` danni kif fuq inghad bl-imghax legali b`effett mil-lum.**

**5. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez gudizzjarji kollha tal-atturi.**

**6. Tordna li l-konvenut u l-intervenuta fil-kawza jbatu rispettivament l-ispejjez gudizzjarji taghhom.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------